MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 47/2008/5

Kawza fil-lista: 29

**A B C**
**vs**
**D E, F E,**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lill-minuri G E u H E,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-attur A B C kellu u ghad ghandu relazzjoni mal-konvenuta F E ;

Illi l-attur kellu tifla mal-konvenuta F E. Din it-tifla twieldet fit-30 ta' Dicembru tas-sena 2006 (vide certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A). L-attur jghid illi huwa l-missier naturali u bijologiku taghha G bint F E ;

Illi l-konvenuta F E u l-konvenut D E zzewwgu fit-28 ta' Gunju 1995 (vide certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok B). Il-konjugi E ilhom separati de facto mil-2002, f' liema sena l-konvenut telaq minn Malta ;

Illi l-konvenut D E gie lura Malta fil-bidu tas-sena 2006 u kif huwa stess stqarr f' dikjarazzjoni guramentata tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok. C, fil-perjodu ta' meta gie lura Malta huwa ma ltaqax mal-konvenuta.

Illi l-konvenut E jistqarr, in oltre, fid-dikjarazzjoni guramentata hawn mehmuza illi huwa jaqbel mal-fatt illi t-tifla m' hix bintu izda bint l-attur ;

Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, minhabba l-presunzjoni li tezisti fil-ligi, ma jistax u irrifjuta li jnizzel lill-attur bhala l-missier tal-minuri G fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni ;

Illi, hekk kif se jkollha l-opportunita' illi jipprova l-attur fit-trattazzjoni tal-kawza odjerna, il-konvenut D E kien fl-impossibilita' illi jkun il-missier naturali tal-minuri stante illi huwa ma kellu l-ebda kuntatt mal-konvenuta F E ;

Premess illi nhar il-hdax (11) ta' Frar 2009, il-konvenuta F E kellha tarbija ohra li jisimha H Chiamaka. Il-missier naturali u bijologiku ta' din it-tarbija huwa r-rikorrent kif inhu muri mir-rizultati tad-DNA test anness ma' dan ir-rikors ;

Permess illi l-mizzewgin E m' humiex, sa issa, separati legalment u ghalhekk, bhal fil-kaz tal-minuri G, parti f' din il-kawza, l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, minhabba l-presunzjoni *juris tantum* li tezisti fil-ligi, ma setax inizzel lir-rikorrent bhala l-missier naturali tal-minuri H Chiamaka fuq l-Att tat-twelid taghha ;

Premess illi fil-fatt, skond ic-certifikat ta’ H hemm imnizzel li l-missier huwa, l-konvenut D E ;

Ghalhekk l-attur umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi joghgobha ;

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-konvenut D E m’ huwiex il-missier naturali tal-minuri G ;

2. Tiddikjara illi l-attur A B C huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri G ;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-twelid bin-numru 2078/2007.

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

5. Tordna li r-rikorrent jigi rikonoxxut ukoll bhala l-missier naturali tat-tifla minuri H ;

6. Tordna li l-att ta’ twelid jigi korrett ukoll fis-sens illi jirrifletti dan il-fatt li r-rikorrent B huwa l-missier naturali ta’ H ;

7. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sasbiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 1172 tas-sena 2009 ;

8. Tordna li l-istess Direttur johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta F E li biha ddikjarat li hi taqbel mal-fatti kif esposti fir-rikors guramentat, kif ukoll mat-talbiet ta’ l-attur ;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz ;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku :

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex kompetenza biex tiehu konjizzjoni ta’ l-azzjoni odjerna li jmissha giet intavolata fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jehtieg illi r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid relattiv. Inoltre, jehtieg illi l-kunjom tal-minuri jigi korrett fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri G li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 2078 tas-sena 2007 u jehtieg ukoll li l-kliem “the said” jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika l-kunjom ta’ l-omm.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-udjenza tal-21 ta’ April 2008 relattivament ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz tieghu l-process gie mibghut lil din il-Qorti ;

Rat il-verbal maghmul mill-konvenut D E fl-udjenza tal-24 ta’ Frar 2009 li permezz tieghu dan iddikjara li jaqbel mat-talbiet ta’ l-attur ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ;

Rat ir-rapporti[1] xjentifici tad-DNA prezentati u mahlufa mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Marisa Cassar.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsdirat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tfal, bniet, G u H, li twieldu mill-konvenuta F E, fit-30 ta' Dicembru 2006 u fil-11 ta' Frar 2009, rispettivament, u li fl-att tat-twelid rispettiv taghhom bin-numri 2078/07 u 1172/09 jinsabu registrati bil-kunjom E, mhumiex il-wild tal-konvenut D E, izda huma l-wild naturali ta' l-attur ; u ukoll qed jitlob il-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid fuq indikati.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuti D u F, konjugi E, kienu sseparaw de facto fis-sena 2002, u minn dak iz-zmien il-quddiem ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom. Illi sussegwentement il-konvenuta F E dahlet f' relazzjoni stabbli ma' l-attur, u minn din ir-relazzjoni twieldu t-tfal fuq imsemmija fid-dati fuq indikati.

Illi l-attur jghid li dawn it-tfal, G u H, ghalkemm registrati bil-kunjom E, huma fil-fatt il-wild naturali tieghu ; u f' dan, huwa jinsab korroborat mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici li saru minn kampjuni mehuda minn fuq il-persuna tieghu, tal-konvenuta F E u tat-tfal fuq indikati.

[1] Fols.52 *et seq.* u 82 *et seq.*

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur ; u tiddikjara li t-tfal G u H, li twieldu mill-konvenuta F E, fit-30 ta' Dicembru 2006 u fil-11 ta' Frar 2009, mhumiex il-wild tal-konvenut D E, izda huma l-wild naturali ta' l-istess attur ; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid fuq indikati, fit-termini tan-noti prezentati mill-attur fit-23 ta' Marzu 2009 [fols.73 u 74] u fl-20 ta' Mejju 2009 [fols.94 u 95].

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur u tal-konvenuta F E konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------